MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Numru 854/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA**
**VS**
**CHRISTOPHER SCICLUNA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba konta Christopher Scicluna ta 26 sena, bin Michael u Carmen nee’ Baron, imwieled il-Pieta’ fi 23 ta’ Dicembru, 1983 u joqghod dil- font : Nru, 67, ‘Jesmin’, Triq il- Berenis, Haz- Zabbar, u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 0030984 (M).

Illi huwa akkuzata talli:

Nhar is- 27 t’ April, 2010, ghal- habta tal- 4:45 ta’ wara nofsinhar, filwaqt li kont fil- font Nru : 67, ‘Jesmin’, Triq il- Berenis, Haz- Zabbar, xjentament gharraq jew hassar hwejjeg mobbli jew immobbli, cioe’ fuq il- bonnet tal- vettura ta’ l- ghamla Peugeot, mudell 106 u bin- numru tar- registrazzjoni DBL- 014, ghad- dannu ta’ ohtu Shirley Ann Zumyar mil- Kalkara u liema hsara tammonta ghal- 186. 35 ewro.

Illi l- Qorti giet mitluba sabiex tapplika l piena skond il- Ligi, tordna lill- imputat ihallas l-ispejjez li ghandom x’ jaqsmu mall- hatra ta l- esperti skond l- art. 533 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il- kunsens ta’ l- Avukat Generali a fol 6 u dak ta’ l- imputat a fol 5 sabiex il- kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni taghha wara li l-Qorti akkordat l-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu il- Qorti issib lil imputat Christopher Scicluna hati skond l- akkuza u wara li rat

Artiklu 325 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta u Artiklu 22 Kap 446 tillibera lil imputat bil-kondizzjoni li jaghmilx reat iehor fi zmien disgha (9) xhur.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta’ giovanili ta l- imputat, il- fatt fedina penali mhux refrattarja u l- ammissjoni bikrija tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------